# GLORJA LILEK KRISTU SULTAN




**Ġesù, Sultan tal-għaġeb,
rebbieħ fuq l-għajb tal-ħtija,
ħlewwa li qatt ma tfissret,
xewqa tal-qlub mifdija.**

**Sultan li rbaħt b'seteghtek
ir-rebħa tar-rebħiet;
Ġesù, minnek il-grazzja,
int l-għaxqa tas-smewwiet.**

**Fis-sema jgħannu l-qtajja'
il-ġieħ tiegħek bla tmiem;
Ġesù, ferraħt id-dinja,
u f'qlubna ġibt is-sliem.**

**Issaltan int bil-paċi
li wisq tixtieq ir-ruħ,
u tħaffef biex tiksibha,
għaliha tħoss il-ġuħ.**

**Ġesù, tax-xebba mbierka
int ġmiel ta' warda tfuħ:
nagħtuk kull ġieħ u glorja,
imla bis-sliem lir-ruħ.
Ammen.**

***Innu tal-Uffiċċju tal-Qari
mill-Liturġija tas-Siegħat***



**PARROĊĊA TA' ĦAL SAFI**

# KONVERŻJONI TA' SAN PAWL

**Tel: 21 649 223**



*Messaġġ tal-Kappillan*

## "U JSAFFIHOM BĦAD-DEHEB U L-FIDDA"
## - Malakija 3, 3 -

***Id-dettall fil-Kelma ta' Alla***
Ġo parroċċa pjuttost ħajja f'waħda mill-ibliet il-kbar Ewropej kien hemm grupp ta' persuni li darba fil-ġimgħa kienu jiltaqgħu biex jistudjaw il-Bibbja u jaraw kif din tista' tgħinhom jikbru iktar fil-fidi tagħhom. Kienu qed jaqraw il-ktieb tal-profeta Malakija, meqjus bħala wieħed mill-profeti ż-żgħar tat-Testment il-Qadim, meta f'kapitlu 3 vers 3 sabu hekk: *"U joqgħod isaffi u jnaddaf il-fidda, u jnaddaf 'l ulied Levi, u jsaffihom bħad-deheb u l-fidda, u huma jsiru għall-Mulej nies li jagħmlu l-offerta bis-sewwa."* Dan il-grupp beda jqajjem bosta mistoqsijiet dwar x'jistgħu jitgħallmu dwar Alla minn dan il-vers, Alla li joqgħod isaffi u jnaddaf il-fidda!

***Ftit riċerka***
Waħda mara offriet li tagħmel ftit riċerka: fittxet lil xi ħadd li kien jaħdem il-fidda u għamlet appuntament miegħu biex tmur tarah jaħdem. Meta waslet, qaltlu biss li dan il-qasam kien jinteressaha u qagħdet kwieta tarah jaqbad biċċa fidda u jsaħħanha fin-nar. Hu spjegalha li meta tkun qed issaffi l-fidda, trid tpoġġiha f'nofs il-fjammi, fl-eqqel tan-nar, sabiex il-ħmieġ jinħaraq. Il-mara ħasbet dwar Alla li joqgħod bilqiegħda biex iżommna fl-eqqel tan-nar, fil-qalba tal-fjammi.



Hija staqsiet lill-ħaddiem jekk kienx minnu li hu kellu joqgħod ukoll bilqiegħda hemm, quddiem in-nar, waqt li l-fidda kienet qed tissaffa. *'Iva'*, weġibha, *'mhux biss noqgħod bilqiegħda u nżomm il-fidda fin-nar imma jkolli l-ħin kollu għajnejja fuqha għax jekk inħalliha ftit żejjed, issirilha l-ħsara!'* Il-mara siktet għal ftit imbagħad qaltlu: *'U kif tkun taf li l-fidda ssaffiet mill-ħmieġ kollu tagħha?'* Weġibha: *'Faċli sinjura, meta nkun nista' nara lili nnifsi rifless fiha!'*

### *Nifhmu aħjar il-mumenti tqal u t-tbatija f'ħajjitna*

Din l-istorja żgur li tgħinna nifhmu xi ftit aħjar il-mumenti tqal u t-tbatija f'ħajjitna. It-tbatija mhi sabiħa għal ħadd u għandna nagħmlu ħilitna kollha biex intaffuha imma nafu wkoll li ċerta tbatija hi inevitabbli. Min minna qatt ma ġarrab xi inġustizzja? Min minna qatt ma ġie ttradut? Min qatt ma ħass il-biża' li jitlef ix-xogħol? Min qatt ma kellu qalbu ġo ħalqu jistenna xi riżultat mediku? Min minna qatt ma ħass l-uġigħ tal-firda? Min minna qatt ma qal: *'U Alla fejn hu?'* jew *'Għaliex?'* Min minna qatt ma ħaseb li ma jiflaħx għal iktar inkwiet?

### *Fi żmien it-tbatija, Alla jkun hemm, b'għajnejh fuqna sabiex ma jiġrilniex ħsara*

Dak li skopriet din il-mara fuq kif tissaffa l-fidda jista' jgħinna quddiem sitwazzjonijiet bħal dawn. Filwaqt li ċerta tbatija tista' tgħinna nissaffew minn ħafna affarijiet li jkunu qed itaqqluna: nuqqas ta' sabar jew ta' rażan, suppervja, kilba għall-poter, biża'; l-għażla hi f'idejna. Nistgħu jew inħallu li noħorġu iktar b'saħħitna mit-tbatija jew nirvillaw iktar, noħduha kontra Alla u ningħalqu dejjem iktar fina nfusna. Filwaqt li x-xewqa ta' Alla hija li jsaffina sabiex insiru dejjem aktar xbieha tiegħu, huwa f'idejna jekk inħalluhx jagħmel dan jew le għax Alla ma jimponi ruħu fuq ħadd.

Nistgħu naqraw ħafna, infittxu ħafna informazzjoni fuq l-Internet, nieħdu pariri u forsi wkoll nitolbu, imma xorta nirrifjutaw li naraw fil-mumenti diffiċli opportunità li biha u fiha Alla jkun qed ikabbarna. Li hu ċert hu li fi żmien il-prova, Alla jkun hemm ħdejna, iżommna, b'għajnejh fuqna sabiex bħalma spjega dak il-ħaddiem, il-fidda ma jiġrilhiex ħsara.

### *F'mumenti bħal dawn kapaċi niskopru l-karattru tagħna u l-grazzja ta' Alla fina u għalina*

Il-proċess tat-tisfija jgħallimna nibqgħu sodi sal-aħħar. Huwa f'mumenti bħal dawn li nagħrfu tassew il-karattru tagħna, kif inġibu ruħna meta nkunu mħabbtin minn kullimkien. Meta noqogħdu ftit kwieti u naħsbu fuq id-diffikultajiet li nkunu ltqajna magħhom, aktarx niskopru li dak li dehrilna ostaklu u impossibbli, kien mezz kif niskopru affarijiet ġodda. Mela meta nerġgħu nħossuna fl-eqqel tan-nar, ejjew ma narawx fih xi saħta imma mument ta' grazzja, mument li fih nistgħu nikbru, mument fejn Alla jkun qed iżommna f'idejh u taħt għajnejh, fejn hu jkun qed jaħdem fil-ħajja tagħna sabiex insiru isbaħ u aħjar, biex insiru dak li tassew hu ħalaqna għalih, xbieha tiegħu.

***Dun David Farrugia***





# ID-DJARJU TAL-PARROĊĊA
# Ħal Safi - Novembru 2020

| | |
|---|---|
| Il-Ħadd 1 ta' Novembru | **Solennità tal-Qaddisin kollha** |
| It-Tnejn 2 ta' Novembru | **L-Għid tal-Imwiet**<br>*Niftakru u nitolbu għal ħutna l-mejtin.*<br>Il-Quddies ikun:<br>Fis-7:00am u fit-7:45am.<br>Fis-6:30pm - Quddiesa li fiha niftakru b'mod speċjali f'ħutna li mietu matul din is-sena. |
| It-Tlieta 3 ta' Novembru | Fis-6:30pm - Quddiesa b'suffraġju tal-Kappillani u s-Saċerdoti mejtin. |
| L-Erbgħa 4 ta' Novembru | Fis-6:30pm - Quddiesa b'suffraġju tal-Fratelli mejtin tar-Rużarju u tas-Sagrament. |
| Il-Ġimgħa 6 ta' Novembru | ***L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar***<br>Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom<br>Fis-5:45pm - Qrar<br>Fis-6:30pm - Quddiesa<br>Fis-7:00pm - Adorazzjoni |
| Il-Ħadd 8 ta' Novembru | Fl-4:00pm - Tberik tal-Oqbra taċ-Ċimiterju.<br>Fil-5:30pm - Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali. |
| It-Tlieta 10 ta' Novembru | Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali. |
| Il-Ħadd 22 ta' Novembru | **Solennità ta' Kristu Sultan**<br>Fl-10:30am - Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija |
| Il-Ħadd 29 ta' Novembru | **L-Ewwel Ħadd tal-Avvent**<br>Fid-9:00am - Quddiesa li fiha jsir it-Tberik tal-Girlanda li ser tgħinna biex nippreparaw ruħna għall-Miġja ta' Ġesù. |

